DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/628

tat-13 ta' April 2022

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/266 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent taż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk u d-deċiżjoni li jintbagħtu l-forzi armati Russi f'dawk iż-żoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Frar 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/266 ([1]).

(2) Fl-24 ta' Frar 2022, il-President tal-Federazzjoni Russa ħabbar operazzjoni militari fl-Ukrajna u l-forzi armati Russi bdew attakk kontra l-Ukrajna.

(3) Bl-azzjonijiet militari illegali tagħha, ir-Russja qed tikser bil-kbir l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll id-dritt internazzjonali u l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

(4) Fid-dawl tal-kriżi umanitarja li tirriżulta mill-invażjoni mhux provokata tal-Ukrajna mill-forzi armati tal-Federazzjoni Russa, il-Kunsill iqis li, f'konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali, l-azzjoni umanitarja bi prinċipju minn atturi umanitarji imparzjali li jindirizzaw il-ħtiġijiet umanitarji tal-popolazzjoni ċivili tal-Ukrajna jenħtieġ li tkompli fl-Ukrajna, inkluż fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk.

(5) Il-Kunsill għalhekk iqis li ċerti kategoriji definiti b'mod ċar ta' korpi, persuni, entitajiet, organizzazzjonijiet u aġenziji jenħtieġ li jiġu eżentati mir-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ f'oġġetti u teknoloġija għall-użu f'ċerti setturi, fuq il-forniment ta' ċerti servizzi u assistenza relatati ma' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, u fuq il-forniment ta' servizzi relatati mal-infrastruttura f'ċerti setturi, fejn meħtieġ għal finijiet esklużivament umanitarji fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk.

(6) Barra minn hekk, u għall-istess fini, il-Kunsill iqis ukoll li jenħtieġ li jiġi introdott mekkaniżmu ta' deroga għal attivitajiet umanitarji mhux koperti mill-eżenzjoni msemmija hawn fuq.

(7) Għalhekk id-Deċiżjoni (PESK) 2022/266 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/266 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 6, jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"2a. Il-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal:

(a) korpi pubbliċi jew persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jirċievu finanzjament pubbliku mill-Unjoni jew mill-Istati Membri, dment li l-oġġetti, it-teknoloġija, is-servizzi u l-assistenza msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ikunu meħtieġa għal finijiet esklużivament umanitarji fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk;

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/266 tat-23 ta' Frar 2022 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent taż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk u d-deċiżjoni li jintbagħtu l-forzi armati Russi f'dawk iż-żoni (ĠU L 42I, 23.2.2022, p. 109).

(b) organizzazzjonijiet u aġenziji li huma vvalutati skont il-pilastru mill-Unjoni u li magħhom l-Unjoni ffirmat ftehim qafas ta' sħubija finanzjarja li abbażi tiegħu l-organizzazzjonijiet u l-aġenziji jagħixxu bħala sħab umanitarji tal-Unjoni, dment li l-oġġetti, it-teknoloġija, is-servizzi u l-assistenza msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ikunu meħtieġa għal finijiet esklużivament umanitarji fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk;

(c) organizzazzjonijiet u aġenziji li lilhom l-Unjoni tat iċ-Ċertifikat ta' Sħubija Umanitarja jew li huma ċċertifikati jew rikonoxxuti minn Stat Membru skont il-proċeduri nazzjonali, dment li l-oġġetti, it-teknoloġija, is-servizzi u l-assistenza msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ikunu meħtieġa għal finijiet esklużivament umanitarji fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk; jew

(d) aġenziji speċjalizzati tal-Istati Membri, dment li l-oġġetti, it-teknoloġija, is-servizzi u l-assistenza msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ikunu meħtieġa għal finijiet esklużivament umanitarji fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk.

2b. F'każijiet mhux koperti mill-paragrafu 2a u b'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jagħtu awtorizzazzjonijiet ġenerali jew speċifiċi, taħt tali termini u kondizzjonijiet ġenerali u speċifiċi li huma jqisu xierqa, għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti jew teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u l-għoti ta' servizzi u assistenza msemmija fil-paragrafu 2, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti, teknoloġija, servizzi u assistenza huma meħtieġa għal finijiet esklużivament umanitarji fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li jagħti skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn minn kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija.";

(2) fl-Artikolu 7, jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"1a. Il-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għal:

(a) korpi pubbliċi jew persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jirċievu finanzjament pubbliku mill-Unjoni jew mill-Istati Membri, dment li l-assistenza u s-servizzi msemmija fil-paragrafu 1 ikunu meħtieġa għal finijiet esklużivament umanitarji fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk;

(b) organizzazzjonijiet u aġenziji li huma vvalutati skont il-pilastru mill-Unjoni u li magħhom l-Unjoni ffirmat ftehim qafas ta' sħubija finanzjarja li abbażi tiegħu l-organizzazzjonijiet u l-aġenziji jagħixxu bħala sħab umanitarji tal-Unjoni, dment li l-assistenza u s-servizzi msemmija fil-paragrafu 1 ikunu meħtieġa għal finijiet esklużivament umanitarji fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk;

(c) organizzazzjonijiet u aġenziji li lilhom l-Unjoni tat iċ-Ċertifikat ta' Sħubija Umanitarja jew li huma ċċertifikati jew rikonoxxuti minn Stat Membru skont il-proċeduri nazzjonali, dment li l-assistenza u s-servizzi msemmija fil-paragrafi 1 ikunu meħtieġa għal finijiet esklużivament umanitarji fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk; jew

(d) aġenziji speċjalizzati tal-Istati Membri, dment li l-assistenza u s-servizzi msemmija fil-paragrafu 1 ikunu meħtieġa għal finijiet esklużivament umanitarji fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk.

1b. F'każijiet mhux koperti mill-paragrafu 1a, u b'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jagħtu awtorizzazzjonijiet ġenerali jew speċifiċi, taħt tali termini u kondizzjonijiet ġenerali u speċifiċi li huma jqisu xierqa, għall-għoti tal-assistenza u s-servizzi msemmija fil-paragrafu 1 wara li jkunu ddeterminaw li tali assistenza u servizzi huma meħtieġa għal finijiet esklużivament umanitarji fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li jagħti skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn minn kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' April 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
J.-Y. LE DRIAN